**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

Lill-Membri kollha tal-Kunsill

**LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**Is-27 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi** ser issir nhar **it-Tlieta 20 ta' Jannar 2015 fil-5:30pm,** fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi QRD 1103.

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Aġenda**

---

1. **Qari tal-Minuti**
2. **Korrispondenza**
3. **Aġġornament dwar l-attivitajiet ta' Jum il-Qrendi u Ġieħ il-Qrendi 2015**
4. **Komunikazzjoni mis-Sindku**
5. **Finanzi**
6. **Aġġornament**

---

Ikun xieraq li l-Kunsillieri kollha jkunu preżenti fil-ħin, biex il-Laqgħa tkun tista' tiddiskuti u tiddisponi l-Aġenda mingħajr telf ta' ħin.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

**Minuti tas-27 Laqgħa tas-seba' leġiżlatura tal-Kunsill Lokali tal-Qrendi li saret nhar it-Tlieta 20 ta' Jannar 2015 fil-5:30 ta' filgħaxija fl-Uffiċċju tal-Kunsill, 7, Triq il-Knisja, Qrendi u spiċċat għall-ħabta tat-8:30 ta' filgħaxija.**

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Sindku | David Schembri |
| Viċi Sindku | Charles Zerafa |
| Kunsillier | Daniel Farrugia |
| Kunsillier | Daniela Farrugia |
| Kunsillier | Olympia Sant Mifsud |
| Ambaxxatur | Justin Debattista |

**Uffiċjal:**

| | |
|---|---|
| Segretarju Eżekuttiv | Chris Falzon |

Is-Sindku David Schembri ppreseda.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 1. QARI TAL-MINUTI

1.1 Il-Minuti tas-26 Laqgħa tal-Kunsill Lokali ġew moqrija u approvati.

## 2. KORRISPONDENZA

2.1 Inqrat Memo 30/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 30/2014 – Spazji Pubbliċi – Żoni Miftuħa.**

2.2 Inqrat Memo 32/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: Memo 32/2014 – Spejjeż għal Servizzi speċjalizzati mitluba mill-Kunsilli Lokali.**

2.3 Inqrat Memo 33/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 33/2014 – Talbiet minn Ministeri jew Entitajiet Governattivi.**

2.4 Inqrat Memo 34/2014, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 34/2014 – Aġġornament tal-Laqgħat tal-Kunsilli Lokali.**

2.5 Inqrat Memo 1/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 1/2015 – Għeluq tas-Sena Finanzjarja.**

2.6 Inqrat Memo 2/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 2/2015 – Elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali (April 2015).**

2.7 Inqrat Memo 3/2015, mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Memo 3/2015 – Devoluzzjoni ta' Siti u Propjeta' Pubblika lill-Kunsilli Lokali.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.8 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI:** ***EU Solidarity Fund: Assessment of damage caused by storm on Friday 7 November 2014.***

2.9 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: Ċirkulari mingħand il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.**

2.10 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviż mill-Kummissjoni Elettorali – Referendum Nazzjonali u Elezzjonijiet għall-Kunsilli Lokali – Ħatra ta' Assistenti Kummissjonarji Elettorali, persuni li jgħoddu, jissorveljaw u jikkalkolaw.**

2.11 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Avviżi maħruġa mill-Kummissjoni Elettorali fil-Gazzetti tal-Gvern Numru 19,368 u 19,370.**

2.12 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marie-Jeanne Borg għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Historic Buildings – Local Council participation.***

2.13 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Allokazzjoni 2015.**

2.14 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Pio Farrugia għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Resurfacing* mill-fondi tal-Kunsill.**

2.15 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***The Celiac Voucher Scheme* – Laqgħa ta' Informazzjoni – 16 ta' Jannar 2015.**

2.16 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***The Celiac Voucher Scheme* – Laqgħa ta' Informazzjoni li saret fis-16 ta' Jannar 2015.**

2.17 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Coeliac Products Voucher Scheme – Local Councils.***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.18 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Etienne Scicluna għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***ESF 4.249 – Job Shadowing opportunities in Regulatory/Quality Assurance organisations.***

2.19 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Opportunita' għall-Kunsilli Lokali biex jissottomettu proposti għal proġetti kapitali fil-lokalitajiet tagħhom.**

2.19.1 Is-Sindku David Schembri qal li l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jissottometti l-proġett tal-bini ta' Ċentru Amministrattiv ġdid tal-Kunsill kif ukoll it-tisbieħ ta' Ġnien Nicolo' Communet bħala proġett ħolistiku.

2.19.2 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament mal-proposta tas-Sindku.

2.20 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Confirmation of No. of applications for Cultural Schemes Activities – Part 2 only.***

2.21 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Isabella Camilleri Aquilina għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Meeting with Melita – Internet Connection for Live Streaming.***

2.22 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Case 1023/14*** **– Knis fil-lokalita' 2014 –** ***All Local Councils.***

2.23 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joseph Abela għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI:** ***Case No. 1026/14:*** **Ġbir tal-Iskart – Inaqqsu l-Konġestjoni tat-Traffiku.**

2.24 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Fabian Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Europe for Citizens Programme – Call for Proposals: Town Twinning Projects.***

2.25 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Josef Gatt għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **URĠENTI: Devoluzzjonijiet 2014.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.26 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Maria Zammit għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Skills Profiling Exercise 4th Update (2014).***

2.27 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Margaret Grech għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Attivita' ta' Volontarjat għall-Impjegati tas-Servizz Pubbliku – Formola Annessa.**

2.28 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Marthese Parascandolo għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Sustainable Development Seminar Invitation.***

2.29 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Joan Mangion għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu ***Deductions from 1st Allocation 2015.***

2.30 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Mary Muscat għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Każ Nru. 18/15 – Laqgħa tal-Lokalita'.**

2.31 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea għad-Direttur tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Premju Segretarju Eżekuttiv 2015 – Dokument.**

2.31.1 Is-Sindku David Schembri qal li hu jħoss li l-Kunsill Lokali għandu jinnomina lis-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon għal dan il-premju.

2.31.2 Wara diskussjoni din il-proposta għaddiet b'erba' (4) voti kontra wieħed (1) sabiex is-Segretarju Eżekuttiv ikun nominat.

2.32 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Cutajar, Segretarju Permanenti u Segretarju tal-Kabinett, bit-titlu **Laqgħa tal-Kabinett – Reġjun Nofsinhar.**

2.33 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea, Segretarju tal-Vot 16, bit-titlu ***Workshop* għall-Ambaxxaturi Lokali taż-Żgħażagħ preżenti u dawk li kienu qabel ukoll.**

2.34 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Galea, Segretarju tal-Vot 16, bit-titlu **Stedina għas-Seminar dwar Vot 16 – 24 ta' Jannar 2015.**

2.35 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Deborah Pace mill-Vot 16, bit-titlu **Mistoqsijiet lill-Ambaxxaturi Lokali taż-Żgħażagħ.**

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

2.36 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christopher Cutajar, Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 79/2014 – Bdil ta' Awguri.**

2.37 Inqrat *e-mail* mibgħuta minn Dr Marc Sant, President tal-Assoċjazzjoni tal-Gvern Lokali, bit-titlu **Ċirkulari AGL Ċirk 2/2015 – Konferenza Proġett ERSI.**

2.38 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Memo 27/2014 – Skema dwar Inizjattivi ta' Attivitajiet 2014-2015.**

2.39 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Elizabeth Vassallo, Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun tan-Nofsinhar, bit-titlu **Ittra li ntbagħtet mis-Sjna Sindku tal-Kunsill Lokali Qormi.**

2.40 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***NGOs Address List.***

2.41 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Christian Salerno, Maniġer tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***Applications for Understanding Economics.***

2.42 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Terence Camilleri, Segretarju tal-GAL Xlokk, bit-titlu ***M413.A5 – Embellishment Projects.***

2.43 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Raphael Scerri bit-titlu **Miżura 313 – Ittra Uffiċjali.**

2.44 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Mario Camilleri, *Events Administrator and Organiser* fil-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u l-Bidla fil-Klima, bit-titlu **Attivitajiet Organizzati mill-Kunsilli Lokali.**

2.45 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Joe Morana, *Area Coordinator – CDRT*, bit-titlu ***Introduction to Green Public Procurement.***

2.46 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Dorothy Scicluna, *Senior Staff Nurse* fil-Ministeru tas-Saħħa, bit-titlu ***Invitation – Primary Health Care Department***

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

***programme of health educational talks.***

2.47 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur Saviour Ellul minn Transport Malta, bit-titlu ***Road Works During Christmas Period.***

2.48 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sa. Charlene Mercieca Magro, *Waste Recycling Officer* ma' GreenPAK Coop Society Ltd., bit-titlu ***Green Bags – One roll per household.***

2.49 Inqrat *e-mail* mibgħuta mis-Sur David Frank Bugeja bit-titlu ***Traffic in our street.***

## 3. <u>AĠĠORNAMENT DWAR L-ATTIVITAJIET TA' JUM IL-QRENDI U ĠIEĦ IL-QRENDI 2015</u>

3.1 **Ġieħ il-Qrendi 2015**

3.1.1 Il-Viċi-Sindku Charles Zerafa spjega kif it-Tnejn 19 ta' Jannar 2015 f'12pm għalqu n-nominazzjonijiet għal Ġieħ il-Qrendi 2015.

3.1.2 Spjega kif b'kollox daħlu ħames (5) nominazzjonijiet, bil-persuni nnominati huma:

Abdilla Maria Consiglia
Bonnici Alfred Dr
Farrugia Portelli Julia
Magro Maria
Magro Mattew Rev.

3.1.3 Qal lis-sotto-kumitat ta' Jum il-Qrendi se jkun qiegħed jivverifika l-ħames nominazzjonijiet kif ukoll se jkun qiegħed jgħaddi rapport lill-Kunsill Lokali bil-proposti ta' liema persuna/i ħaqqu/ha dan il-Ġieħ.

3.1.4 Id-deċiżjoni finali se tkun qiegħda tittieħed waqt il-laqgħa tal-Kunsill Lokali

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

li jmiss, fejn fiha jrid ikun hemm qbil unanimu dwar min se jieħu dan il-Ġieħ.

3.2 **Jum il-Qrendi 2015**

3.2.1 Il-Viċi Sindku qal li għandna konferma mingħand Freddie Portelli kif ukoll mingħand Joe u Veronika Farrugia li se jiġu jagħtu divertiment lill-pubbliku preżenti.

3.2.2 Qal li minbarra dawn il-persuni se jkun hemm ukoll tfal li jipprovdu d-divertiment kif ukoll xi gruppi taż-żfin.

3.2.3 Spjega kif intbagħtet *e-mail* lill-artisti Qrendin sabiex jesebixxu x-xogħolijiet artistiċi tagħhom fl-attivita kulturali *Passa ai Tempi*.

## 4. <u>KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU</u>

4.1 Is-Sindku David Schembri tkellem dwar il-fatt avviċinat minn persuna li qallu li kien infurmat li l-Kunsill Lokali sab min kienet il-persuna li kienet qiegħda titfa' l-iskart fi Triq Rokku Buhagiar kantuniera ma' Triq il-Kbira.

4.1.1 Qal li sa fejn jaf hu fl-ebda ħin il-Kunsill Lokali ma kien mgħarraf b'min qiegħed jitfa' l-iskart f'din il-kantuniera.

4.1.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia qal li hu kien avviċinat minn persuna mill-istess familja u hu weġibhom li jekk ikunu jafu min qed jitfa' l-iskart, javżaw lill-Kunsill Lokali.

4.2 Is-Sindku tkellem dwar iċ-ċimiterju tal-Ars u qal lis-siġar taċ-ċipress spiċċaw mietu u l-MEPA tat permess sabiex inneħħuhom.

4.2.1 Qal li l-proġett fuq dan iċ-ċimiterju għadu għaddej.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.3 Is-Sindku tkellem dwar il-fatt li l-MTA jixtieqna napplikaw għall-*Quality Coast Awards.*

4.3.1 Qal li l-MTA lesti jgħinuna għal dawn l-*awards* imma jridu wkoll għajnuna mingħandna sabiex nagħtuhom l-informazzjoni.

4.3.2 Żied li hemm diversi kriterji li rridu nilħqu u jekk nintgħażlu nkunu ma' 35 destinazzjoni oħra minn madwar l-Ewropa.

4.4 Is-Sindku tkellem dwar il-pubblikazzjoni ta' ktieb taħt Miżura 313.

4.4.1 Qal li għandna quddiemna problema kbira minħabba t-tender QLC – RP 49/11.

4.4.2 Spjega kif tħallsu diġa' €7,500 imma għadna ma ħadniex *value for money.*

4.4.3 Żied li tkellimna mal-Aġenzija tal-Pagamenti dwar dan il-każ u issa anke tajna *direct order* lil Avukat Joe Sammut sabiex bagħtnielhom ittra ġudizzjali.

4.4.4 F'din l-ittra, s-Sur Michael Debono, is-Sur Mark Causon u l-kumpanija Europe Direct ingħataw xahar ċans sabiex jirregolarizzaw il-pożizzjoni tagħhom.

4.4.5 Fl-istess ittra hemm imniżżel li jekk sa xahar mid-data tal-ittra ma jitlestiex ix-xogħol kollu relatat ma' tender QLC – RP 49/11, il-Kunsill Lokali se jfittixhom għad-danni.

4.5 Is-Sindku tkellem dwar il-protest ġudizzjarju li rċieva hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon minħabba l-bus xelter li kien installat fi Triq Rokku Buhagiar ftit tal-ġimgħat ilu.

4.5.1 Spjega kif il-Kunsill Lokali wieġeb għal dan il-protest ġudizzjarjui b'ittra mibgħuta mill-Avukat Joe Sammut.

4.6 Is-Sindku tkellem dwar it-tnedija tas-*Southern Village Tours*.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.6.1 Qal li dawn se jiġu mnedija fi Frar jew Marzu ta' din is-sena.

4.6.2 Spjega kif dawn jikkumplimentaw lil-lokalita' tagħna u se jiġu mnedija qabel l-elezzjoni tal-Kunsilli Lokali li jmiss.

4.7 Is-Sindku tkellem dwar il-*filming* li sar fil-lokalita' tagħna għall-programm **Mad-Daqqa t'Għajn**.

4.7.1 Qal li żorna postijiet differenti, fosthom: il-Maqluba, l-Ġnien tal-Kmand, it-Torri Ottagonali, kif ukoll xi għelieqi tal-patata.

4.7.2 Żied li ġew ukoll il-produtturi tal-programm **Malta u Lil Hinn Minnha**, fejn għalkemm il-Kunsill Lokali ma kienx involut, xorta waħda ffilmjaw l-istatwi li bħalissa qiegħed isir restawr intensiv fuqhom u li dan ix-xogħol qiegħed isir mir-*Restoration Unit.*

4.8 Is-Sindku tkellem dwar ir-restawr li qiegħed isir fuq Torri Xutu f'Wied iż-Żurrieq minn Din l-Art Ħelwa.

4.8.1 Qal illi x-xogħol miexi ġmielu u diġa' bdew jidhru l-ewwel sinjali ta' dan ir-restawr.

4.9 Is-Sindku tkellem dwar il-ħsara li saret fil-belveder ta' Wied iż-Żurrieq nhar is-6 ta' Novembru 2014 u qal li l-balavostri li kienu nqalgħu issa huma rranġati.

4.10 Is-Sindku tkellem dwar it-tnedija tal-ktieb tal-Professur Frans Ciappara li saret nhar il-Ġimgħa 16 ta' Jannar 2015.

4.10.1 Qal li bħala Kunsill Lokali ninsabu sodisfatti ħafna, mhux biss għax is-serata marret tajjeb ħafna, imma wkoll għax attendew għaliha diversi nies.

4.10.2 Spjega kif anke l-Professur Ciappara kien kuntent ħafna b'din it-tnedija.

4.11 Is-Sindku tkellem dwar is-sejħiet għall-offerti li għandu bħalissa l-Kunsill Lokali tal-Qrendi.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.11.1 Qal li dawn is-sejħiet se jkunu qegħdin jagħlqu nhar il-Ġimgħa 13 ta' Frar 2015 f'12pm fejn imbagħad wara jkunu jridu jiġu aġġudikati.

4.12 Is-Sindku qal li saret laqgħa oħra tal-Kumitat Konsultattiv għan-Nofsinhar ta' Malta.

4.12.1 Qal li hemm potenzjal qawwi li jista' jiġi sfruttat f'dawn l-inħawi u dan il-kumitat qiegħed jagħmel minn kollox sabiex dan il-potenzjal ikun sfruttat kollu.

4.13 Is-Sindku tkellem dwar id-*defibrillator* li ngħata lill-Kunsill Lokali mingħand ir-Reġjun tan-Nofsinhar.

4.13.1 Qal li għadna rridu nattendu kors sabiex naraw kif dan jitħaddem kif ukoll il-Kunsill Lokali jrid jieħu deċiżjoni fejn dan se jiġi nstallat.

4.14 Is-Sindku għadda mozzjoni dwar il-*performance bonus* tas-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon għas-sena 2014.

4.14.1 Qal lis-suġġeriment tiegħu lill-Kunsill Lokali hu lis-Segretarju Eżekuttiv għandu jieħu l-10% (il-massimu) tal-*performance bonus.*

4.14.2 Il-Kunsillier Daniel Farrugia ssekonda din il-mozzjoni u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

4.15 Is-Sindku għadda mozzjoni dwar il-*performance bonus* tal-Assistent Prinċipal Stephania Grixti għas-sena 2014.

4.15.1 Qal lis-suġġeriment tiegħu lill-Kunsill Lokali hu li l-Assistent Prinċipal għandha tieħu s-6% (il-massimu) tal-*performance bonus*.

4.15.2 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa ssekonda din il-mozzjoni u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

4.16 Is-Sindku għadda mozzjoni dwar il-*performance bonus* tal-Clerk Stephanie Caruana għas-sena 2014.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.16.1 Qal lis-suġġeriment tiegħu lill-Kunsill Lokali u li l-Clerk għandha tieħu t-3% (il-massimu) tal-*performance bonus*.

4.16.2 Il-Kunsillier Daniela Farrugia ssekondat din il-mozzjoni u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

4.17 Is-Sindku tkellem dwar is-sessjonijiet tal-*Aerobics* kif ukoll l-*After School Programme* u qal li dawn se jibdew matul ix-xahar li ġej.

4.18 Is-Sindku tkellem dwar l-applikazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex isiru proġetti fi spazji pubbliċi.

4.19 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li l-ħarġa li saret fil-gżira Għawdxija ftit tal-jiem ilu kienet suċċess.

4.19.1 Qal li se jkun qiegħed jiġi organizzat *Buffet Breakfast* nhar l-Erbgħa 4 ta' Frar.

4.20 Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-possiblita' li l-Kunsill Lokali jorganizza *weekend break*, u dan jista' jiġi organizzat fl-ewwel jew it-tieni *weekend* ta' Marzu 2015.

4.21 Il-Viċi Sindku tkellem dwar is-sinjali s-sofor fi Triq it-Torri.

4.21.1 Qal li jidher li dawn qegħdin jaħdmu għalkemm ġieli jkun hemm xi abbużi wkoll.

4.22 Il-Viċi Sindku qal li hemm bżonn li jsir pjan t'immaniġġjar tat-traffiku fi Triq iż-Żurrieq.

4.22.1 Is-Sindku wieġeb li f'din it-triq il-Kunsill Lokali għandu problema kbira, u jekk kemm-il darba jrid isir pjan t'immaniġġjar tat-traffiku bis-serjeta', se nkunu qegħdin innaqqsu l-parkeġġi minn din it-triq.

4.22.2 Spjega li l-Kunsill Lokali se jkollu bżonn li jieħu deċiżjoni b'saħħitha fuq din it-triq, deċiżjoni li fl-aħħar mill-aħħar tkun unanima fil-Kunsill minħabba li żgur se tinħoloq xi ftit tar-rigressjoni.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.23 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud tkellmet dwar mirja li jridu jsiru fi Triq Ħaġar Qim u Triq il-Panorama.

4.24 Il-Kunsillier Sant Mifsud tkellmet ukoll dwar l-istħarriġ li sar fil-lokalita' tal-Qrendi dwar is-saħħa u qalet li b'kollox inġabru 147 survey.

4.24.1 Żiedet li issa l-Kunsill Lokali jrid jara x'riżultati se joħorġu minn dan l-istħarriġ.

4.25 Il-Kunsillier Daniela Farrugia qalet li l-ħarġa għaċ-ċinema f'Diċembru li għadda kienet suċċess.

4.25.1 Żiedet li l-ħsieb tagħha hu li tiġi organizzata attivita' oħra fil-jiem tal-Karnival.

4.26 Il-Kunsillier Daniel Farrugia tkellem dwar il-qtugħ ta' siġar tal-ficus li sar fi Triq Massabielle.

4.26.1 Qal li kien hemm resident li ma qabilx li nqatgħu dawn is-siġar.

4.27 Is-Sindku tkellem dwar l-aħħar ħarġa tal-fuljett tal-Kunsill Lokali li kienet ukoll imtella' fuq il-paġna ta' *Facebook* tal-Kunsill Lokali.

4.27.1 Spjega kif il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud kitbet kummenti sa ċertu punt dispreġjattivi kontra t-tmexxija tal-Kunsill Lokali fuq il-paġna ta' *Facebook* li kienu jikkonċentraw dwar il-pubblikazzjoni tal-fuljett tal-Kunsill fuq l-internet.

4.27.2 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon qal li min-naħa tiegħu hu tella' l-fuljett kollu bil-format JPEG, imma fuq il-paġna ta' *Facebook* ġew jidhru l-ewwel ħames paġni sakemm tagħfas fuqhom u tkun tista' tara l-fuljett kollu. Din hija l-prassi ta' FB u l-Kunsill Lokali m'għandux kontroll fuq dan.

4.27.3 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li min-naħa tagħha kienet irrabjata ħafna meta fuq *Facebook* rat l-artikli tal-erba' Kunsillieri l-oħra u tagħha ma kienx jidher mal-ewwel.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

4.27.4 Żiedet li messha tneħħiet xi paġna oħra sabiex jiġi jidher l-artiklu tagħha.

4.27.5 Il-Kunsillieri Daniel u Daniela Farrugia qalu lit-tmexxija tas-Sindku David Schembri hija tajba ħafna u flimkien sostnew li għandhom kull fiduċja fis-Sindku u fit-tmexxija tiegħu.

4.27.6 Is-Sindku saħaq li anke fl-artiklu miktub mill-Kunsillier Sant Mifsud, ingħatat l-impressjoni li għal viżta f'Rovigo, l-Italja, l-GAL Xlokk m'aċċettax lil kulħadd, mentri l-informazzjoni li għandu l-Kunsill Lokali hi li l-GAL Xlokk aċċettaw kull applikazzjoni li daħlet, informazzjoni li tinsab ippublikata fil-Minuti tal-laqgħat tal-GAL Xlokk.

4.27.7 Il-Kunsillier Olympia Sant Mifsud qalet li l-informazzjoni li għadda l-Maniġer tal-GAL Xlokk lilha personali ma kenitx l-istess kif kien qiegħed jgħid is-Sindku.

4.27.8 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li min-naħa tiegħu ma jsib l-ebda problema li ma jibqax jieħu ħsieb il-ħarġiet tal-fuljett tal-Kunsill Lokali kif ukoll il-paġna ta' *Facebook* tal-istess Kunsill.

4.27.9 Il-Kunsill Lokali offra dawn l-irwol lill-Kunsillier Olympia Sant Mifsud innifisha li min-naħa tagħha m'aċċettatx din ir-responsabilita'.

4.27.10 Il-Viċi Sindku Charles Zerafa qal li hu ma jaqbilx lis-Segretarju Eżekuttiv ma jibqax jieħu ħsieb il-paġna ta' *Facebook*, u dan minħabba li jekk jibda jieħu ħsiebha xi Kunsillier żgur se jkun hemm propoganda favur dak il-Kunsillier partikolari.

4.27.11 Kompla li ma jsib l-ebda problema imma li l-fuljett tal-Kunsill Lokali jibda jieħu ħsiebu ħaddieħor.

4.27.12 Il-Kunsillieri Daniel u Daniela Farrugia qablu mal-ħsibijiet tal-Viċi Sindku.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 5. FINANZI

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill diversi kontijiet pendenti li jammontaw għal €18,170.13c skont is-*Schedule of Payments* Ref No. 01/15 u €64.19c skont il-*Petty Cash* Ref R/12.

5.2 Is-Sindku David Schembri qal li bħala *Chairman* tal-Kumitat tal-Finanzi ppropona li dawn il-kontijiet pendenti jiġu approvati.

5.3 Il-Kunsillier Charles Zerafa u l-Kunsillier Daniel Farrugia ssekondaw u l-Kunsill Lokali qabel unanimament.

5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv Chris Falzon tkellem dwar l-aspett finanzjarju tal-Kunsill Lokali għas-sena 2014.

5.4.1 Qal li kien proġettat li l-Kunsill Lokali kien se jagħmel spiża qawwija matul is-sena 2014 u kien mistenni lid-dejn fejn jidħol infiq kien se jkun dak ta' €54,870.36.

5.4.2 Spjega kif dan id-dejn kien se jkun dovut b'mod speċjali għal ħlasijiet relatati mal-proġett tal-*Public Private Partnership* meta saret Triq San Mattew (parti minn) u Triq Ħaġar Qim.

5.4.3 Żied li wara li għalaqna s-sena, d-dejn kien dak ta' €33,216.65 meta wieħed iqis biss l-infiq tal-Kunsill Lokali.

5.4.4 Qal li għadna rridu naraw eżattament x'daħħal il-Kunsill Lokali, biss jekk kollox ikun kif inhu proġettat, jidher li l-Kunsill Lokali se jkun qiegħed jagħmel dejn ta' ftit aktar minn €9,000.

**Kunsill Lokali Qrendi**
7, Triq il-Knisja, Qrendi
Tel: 21680404
Fax: 21689986
e-mail: qrendi.lc@gov.mt

## 6. AĠĠORNAMENT

6.1 Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fit-8:30pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 17 ta' Frar 2015 fl-4:30pm.

6.1.1 Il-Kunsill Lokali qabel unanimament dwar il-ħin ta' din il-laqgħa.

______________________ ______________________

**Chris Falzon**
**Segretarju Eżekuttiv**

**David Schembri**
**Sindku**